**QORTI TAL-MAĠISTRATI (GĦAWDEX)**
**BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**

**Maġistrat Dr. Jean Paul Grech B.A., LL.D**
**M.Juris (Int. Law), Adv. Trib. Eccl. Melit**

**SENTENZA**

Mogħtija illum, it-Tlieta, tmienja (8) ta' April 2025

Kawża Numru 246/2020

**Il-Pulizija**

***(Spettur Josef Gauci)***

**Vs**

**Daniel Refalo**

Il-Qorti,

Rat l-akkuża miġjuba kontra **Daniel Refalo**, iben Alfred u Frances nee Zammit, imwieled ir-Rabat, Għawdex fil-wieħed u għoxrin (21) ta'

Ottubru 1986 u residenti fil-fond, "Belleview", Triq Ta' Gajdoru, Xagħra, Għawdex detentur tal-karta tal-identita numru 787(G) talli nhar il-ħamsa (5) ta' Frar 2020 għall-ħabta tas-sebgħa ta' filgħodu (07.00am) u fil-ħinijiet ta' wara, fl-akkwata magħrufa bħala Għajn il-Ġdida, Xagħra, Għawdex:

(1) mingħajr il-ħsieb li jisraq jew jagħmel ħsara kontra l-liġi iżda biss biex jeżerċita dritt li jippretendi li għandu ġiegħel bl-awtorita tiegħu inniffsu lil Emanuel Bezzina iħallas dejn jew jesegwixxi obbligazzjoni tkun li tkun jew fixkel lil Emanuel Bezzina fil-pussess ta' ħwejġu b'xi mod kontra l-liġi jew indaħal fi ħwejjeġ ta' ħaddieħor.

Rat illi l-atti odjerni ġew assenjati lil din il-Qorti kif preseduta nhar is-dsatax (19) ta' Frar 2024 tramite l-Assenjazzjoni ta' Kawżi u Doveri maħruġa ai termini tal-Artikolu 11(3) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta u l-Artikolu 520 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

Semgħet lill-Prosekuzzjoni, lill-parte civile u lid-difiża jiddikjaraw fis-seduta tal-wieħed u għoxrin (21) ta' Mejju 2024 li huma kienu qegħdin jeżentaw lill-Qorti milli terġa' tisma' mill-ġdid ix-xhieda li kienu ġew prodotti sa dakinhar kif wkoll milli jiġu sottomessi mill-ġdid d-dokumenti preżentati sa dak l-istadju;

Rat il-provi kollha miġbura quddiem din il-Qorti diversament preseduta inkluż wkoll l-inkartament preżentat mill-Perit Legali Dr Matthew Xuereb;

Semgħet ix-xhieda li iddeponew quddiemha;

Rat in-nota tas-sottomissjoniet tad-difiża;

Rat li l-Parte Civile minkejja li ingħatat terminu sabiex tippreżenta n-nota ta' sottomissjonijiet tagħha, liema terminu kien estiż sas-sbatax (17) ta' Frar 2025, l-istess Parte Civile baqgħet ma ippreżentatx in-nota ta' sottomissjonijiet tagħha;

Rat il-verbali tat-tmintax (18) ta' Frar 2025 u tal-ħamsa u għoxrin (25) ta' Frar 2025 fejn il-kawża tħalliet illum għas-sentenza.

Ikkunsidrat;

Il-fatti tal-każ huma s-segwenti: il-Pulizija rċievew kwerela mingħand Emanuel sive Noel u Rita konjuġi Bezzina datata tnax (12) ta' Frar 2020 fejn allegaw illi nhar il-Ħadd, disgħa (9) ta' Frar 2020 binhom Walter Bezzina kien għaddej minn Triq l-Għajn il-Ġdida / jew "Ta' Xaman" u/jew "Pergola Heights" liema triq tiżbokka fi Triq Marsalforn, Xagħra, Għawdex u ra krejn ta' lewn ikħal biċ-ċineg imdendlin miegħu qed jerfa' biċċiet tal-blat minn ġewwa l-propjeta tal-ġenituri tiegħu.  Xi sagħtejn

wara Walter Bezzina reġa’ għadda mill-istess post u din id-darba kien ra persuna jħott blata bl-istess krejn ta’ lewn ikħal. Din il-blata kienet qiegħda tinħatt għall-ġewwa l-propjeta tal-akkużat li tiġi ftit aktar ’l isfel għal ġewwa l-wied. Din kienet il-blata li aktar qabel huwa kien raha fil-propjeta tal-ġenituri tiegħu.

L-għada li Walter Bezzina kien ra din il-krejn, il-kwerelant Emanuel Bezzina ġie a konoxxenza tal-fatt li l-akkużat kien bena ħajt b’għoli ta’ madwar għaxar (10) filati u għalaq l-aċċess tal-kwerelanti għall-ġewwa l-propjeta tagħhom. L-akkużat tramite ħaddiema inkarigati minnu, ħammel wkoll il-fdal li kien fadal wara li huwa kien waqqa’ l-istess għar li kien jinsab fil-propjeta tal-kwerelanti konjuġi Bezzina.

Abbażi ta’ din il-kwerela, il-Pulizija kienu ipproċedew bil-kawża odjerna fil-konfront tall-akkużat Refalo.

Ikkunsidrat;

Il-Qorti sejra tibda biex qabel xejn tissenjala fatt li huwa fatali għall-proċeduri odjerni. L-akkuża li qiegħda tiġi addebitata lill-akkużat tispeċifika li l-fatti lamentati mill-kwerelanti kienu qegħdin jirrisalu **<u>għad-data tal-ħamsa (5) ta’ Frar 2020 għall-ħabta tas-sebgħa ta’ filgħodu (07.00 am) u fil-ħinijiet ta’ wara</u>**. (Enfażi tal-Qorti) Pero’ minn eżami tal-proċess, senjatament tal-kwerela li saret u li wasslet għall-bidu ta’ dawn il-proċeduri jingħad b’mod speċifiku li l-allegat każ seħħ

**fil-ġurnata tal-Ħadd disgħa (9) ta' Frar 2020 u fil-ġranet ta' wara dik id-data**. Anke x-xhieda tal-kwerelant u ibnu mogħtija quddiem il-Perit Legali Dr Matthew Xuereb jikkonfermaw id-data tad-disgħa (9) ta' Frar 2020 u l-ġurnata ta' wara bħala d-data li fiha ġara l-akkadut lamentat mill-kwerelanti.

Abbażi tal-istess kwerela u tax-xhieda mogħtija mill-kwerelant u ibnu, il-Qorti ma tistax tasal biex issib ħtija fl-akkużat għall-akkuża hekk kif formulata għaliex l-akkuża **hija ċirkonskritta għad-data tal-ħamsa (5) ta' Frar 2020 fis-sebgħa ta' filgħodu (07:00hrs) u għall-ħinijiet ta' wara; mhux qed tirreferi għall-ġranet ta' wara**. Il-frażi "ħinijiet ta' wara" żgur li ma tistax tiġi imġebbda biex tinkorpora erbat (4) ijiem wara. Il-Qorti għandha idejja marbutin fis-sens li l-analiżi li trid tagħmel huwa fit-termini tal-partikolaritajiet ta' data u ħin li hemm indikati fiċ-ċitazzjoni. Mill-provi prodotti l-partikolaritajiet ta' data u ħin li ġew indikati ma jirriżultawx; anzi irriżultaw ġranet differenti meta seħħ l-akkadut. Fi kliem sempliċi il-fatti li irriżultaw mill-provi ma jirriflettux l-akkuża li għandha quddiemha l-Qorti.

Il-Qorti tagħmel riferenza għal sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fit-tletin (30) ta' Settembru 2021 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Kurt Falzon**. Dan wkoll kien każ ta'raggion fattasi – identiku għal każ odjern – fejn il-Qorti tal-Appell Kriminali wara li għamlet rassenja tal-ġurisprudenza relevanti fis-snin preċedenti u daħlet fil-kwistjoni tal-insenjamenti dwar iċ-ċitazzjoni bħala avviso di comparire, xorta waħda

illiberat lill-appellanti minħabba żball fid-data.  Il-Qorti kienet irrimarkat hekk:

> *"36. Is-sitwazzjoni fil-każ odjern hija tali li l-Prosekuzzjoni xliet lill-appellat li wettaq reat f'data u ħin partikolari u l-provi prodotti wrew li huwa wettaq ir-reat f'data differenti minn dik li ġiet imputata lilu. Irriżulta wkoll li ma saret ebda korrezzjoni tal-partikolaritajiet taż-żmien u ħin imputati fl-istadju debitu. Din għalhekk mhix kwistjoni ta' kunflitt bejn żewġt xhieda dwar id-data ta' meta twettaq ir-reat f'kuntest fejn iż-żewġt dati jkunu ġew koperti bil-parametri ta' żmien u ħin indikati fl-avviż. Dan ikun jista' jitqies bħala kunflitt fil-verżjonijiet mogħtija fil-kors tas-smiegħ tax-xiehda u li jista' jkollu ċerti konsegwenzi fuq il-ġudizzju.*
>
> *37. Il-każ odjern huwa tali li jindika, anke minn ċerti tweġibiet tal-parte civile stess, li l-partikolarita taż-żmien indikata fl-avviż setgħet kienet żbaljata, jew almenu inċerta. Din ma ġietx b'xi mod korretta fl-istadju proċedurali debitu; u biex il-Qorti tkun ċara, din mhux dejjem tkun tort tal-Prosekuzzjoni. B'hekk ikun jirriżulta li l-prova dwar meta jkun ġie mwettaq ir-reat de quo ma tkunx koperta in kwantu tkun taqa'*

*barra mill-parametri taż-żmien li fih il-Prosekuzzjoni tkun qegħda tixli lill-imputat.*

*38. F'dan il-każ jirriżulta li hemm element ta' konfużjoni dwar meta effettivament inbidlet is-serratura tal-bieb ta' barra tar-residenza tal-konjuġi Falzon – konfużjoni li fil-kamp penali ma tistax timmilita favur sejbien ta' ħtija – in kwantu sabiex tinstab ħtija din tkun trid tistrieħ fuq provi sikuri u mhux provi inċerti jew konfużi.*

*…..*

*45. Fid-dawl ta' dawn il-kunsiderazzjonijiet, din il-Qorti tqis li l-Qorti tal-Maġistrati (Malta) kellha quddiemha sitwazzjoni fejn it-tibdil seta' seħħ fl-24 ta' Ottubru daqskemm fil-25 ta' Ottubru skont l-appellat jew inkella fis-26 ta' Ottubru daqskemm fis-27 ta' Ottubru skont ilparte ċivile. Din il-Qorti tistqarr li mhux l-ewwel darba li Qorti jkollha sitwazzjoni fejn mill-provi ma tkunx tirriżulta d-data preċiża ta' meta jkun seħħ l-ispoll anki għaliex f'każijiet ta' din in-natura, is-suġġett attiv tar-reat ikun normalment aġixxa bil-moħbi u għalhekk ikun sussegwentement sar ir-rapport malPulizija da parte tas-suġġett passiv*

*tar-reat meta dan tal-aħħar effettivament ikun induna li jkun ġie hekk turbat fil-pussess tiegħu. Iżda, f'dan il-każ partikolari, il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) kienet marbuta bid-diċitura taċ-ċitazzjoni liema ċitazzjoni ndikat data preċiża u mhux żmien approssimattiv ta' meta effettivament seħħet ir-ragion fattasi. Dan ifisser illi l-insenjament tal-Qorti tal-Appell Kriminali fil-kawżi John Mary Briffa, Rita Theuma u Warren Piscopo rispetttivament, isib applikazzjoni f'dan il-każ.*

*46. Għalhekk, din il-Qorti tqis li l-Qorti tal-Maġistrati (Malta) ma setgħetx issib ħtija fl-appellat għal tibdil fis-serratura li seħħ nhar is-27 ta' Ottubru 2017 in kwantu jirriżulta mingħajr dubju dettat mir-raġuni li dakinhar tas-27 ta' Ottubru 2017 il-parte ċivile ndunat bit-tibdil imma mhux li fis-27 ta' Ottubru 2017 kien seħħ it-tibdil fisserraturi.*

*47. F'dan il-każ il-Prosekuzzjoni għażlet li tintrabat esklussivament mad-data tas-27 t'Ottubru 2017; u fl-avviż ma saret ebda riferenza għal żmien qabel din id-data. Dan qiegħed jingħad b'mod partikolari għaliex din il-Qorti tqis li r-reat ikkontemplat mid-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 85(1) tal-Kodiċi Kriminali*

*huwa reat ta' natura istantanja allavolja l-effetti tiegħu jaf ikunu ta' natura duratura jew permanenti.*

*..........*

*52. Dan ikun ifisser għalhekk li l-Qorti tal-Maġistrati (Malta) kienet korretta fid-deċiżjoni tagħha li tikkunsidra li l-azzjoni kif proposta mill-Prosekuzzjoni kontra Kurt Falzon ma setgħetx tirnexxi. Il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) kienet korretta wkoll fir-raġunament tagħha li għalkemm jirriżultaw lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni l-elementi li jsawru r-reat ta' ragion fattasi, il-Prosekuzzjoni naqset li tipprova sodisfaċentement li dan twettaq fil-parametri temporali hekk ippreżentati fiċ-ċitazzjoni kontra l-imputat qua appellat. In oltre, ma jirriżultax li ntalbet xi korrezzjoni tal-imputazzjoni saż-żminijiet opportuni. Għaldaqstant, il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) setgħet kemm legalment kif ukoll raġonevolment tasal għall-konklużjoni tagħha li tillibera lill-imputat qua appellat."*

Dan ir-raġunament japplika perfettament għall-każ in diżamina u din il-Qorti għalhekk m'għandhiex triq oħra ħlief tillibera lill-akkużat.

Huwa minn li din id-diskrepanza fid-data tal-akkuża ġiet rilevata mill-parte civile fis-seduta li saret quddiem il-Perit Legali Dr Matthew Xuereb fit-tmintax (18) ta' Diċembru 2020 fis-sens li l-parte civile korrettament kienu talbu s-segwenti:

> *"Il-parte civile titlob għall-korrezzjoni fic-charge fis-sens tad-data jiġifieri flok fid-data tal-ħamsa (5) ta' Frar 2020 għandha tiġi d-data tad-disgħa (9) ta' Frar 2020 u l-ġranet ta' wara."*[1]

Din it-talba saret biss quddiem il-Perit Legali, li ma setax jieħu konjizzjoni tagħha huwa stess u jiddeċiedi fuqha. Ried jew jirreferi din il-materja lill-Qorti għad-direzzjoni tagħha jew jidderieiġi lill-parte civile sabiex jagħmlu r-rikors opportun. Mill-atti ma jidhirx li din l-istess talba saret jew ġiet riferuta lil din il-Qorti diversament preseduta għad-digriet finali jew inkella sar ir-rikors opportun fejn intalbet il-korrezzjoni fl-akkuża. Għal xi raġuni wkoll la l-Prosekuzzjoni u lanqas il-parte civile ma segwew din it-talba għall-korrezzjoni li saret quddiem il-Perit Legali, b'mod li din it-talba għalhekk baqgħet qatt ma ġiet finalment dekretata u l-akkużat baqa' qatt ma ġie notifikat bl-akkuża ikkoreġuta.

Il-Qorti tista' tagħżel li tiddegreta din it-talba f'dan l-istadju u tordna li l-akkuża tiġi korretta hekk kif mitlub mill-parte civile fis-seduta quddiem il-Perit Legali tat-tmintax (18) ta' Diċembru 2020 u tordna notifika ġdida

[1] Fol. 100 tal-proċess.

mill-akkużat. Dan pero m'huwa se jkun tal-ebda utilita għall-proċeduri u lanqas se jkollu l-iskop li jsalva l-istess proċeduri. Dan għas-sempliċi raġuni li l-akkuża odjerna ġiet preskritta fid-disgħa (9) ta' Frar 2022. Dan in vista tal-fatt li peress li r-reat ta' raggion fattasi huwa suġġett għall-piena ta' priġunerija ta' tlett (3) xhur japplika t-terminu preskrittiv ta' sentejn (2). Għalhekk, anke li kieku kellha tawtorizza tali korrezzjoni, il-Qorti sejra tkun kostretta li tiddikjara l-akkuża bħala preskritta. Il-korrezzjoni għalhekk f'dan l-istadju sejra jkollha biss l-iskop li ittawwal inutilment dawn il-proċeduri.

In vista tal-premess jkun għalhekk kompletament inutili li din il-Qorti tidħol fil-mertu tal-każ u tara jekk l-elementi tar-raggion fattasi jirriżultawx.

- <u>**Decide**</u>

Għaldaqstant għal dawn il-motivi <u>**il-Qorti mhux qiegħda issib lill-akkużat ħati tal-akkuża**</u> miġjuba fil-konfront tiegħu u qiegħda għalhekk tilliberah minn kull ħtija u piena.

**Dr. Jean Paul Grech**

**Maġistrat**

**Joseph Grech**

**Deputat Registratur**